## Kura għall-HAV

Il-persuni infettati jridu jegħlbu l-vajrus b'mod naturali, u jerggħu jiġu f'saħħithom bis-sħiħ fi żmien ftit xhur. L-alkoħol u l-ikel xaħmi ghandhom jiġu evitati. Huwa rakkomandat li wieħed jistrieħ ħafna, li jiekol ikel sustanzjuż u li jaħsel idejh sew qabel u wara li juża t-tojlit u qabel ma jkun se jipprepara l-ikel.

## Għajnuna disponibbli

- Tabib tal-familja (GP)
- Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fuq **2326 6000**

**www.ehealth.gov.mt**
Fittex it-Taqsima tal-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard Infettiv taħt id-drop down menu tas-Saħħa Pubblika.

Informazzjoni miġbura minn **Joanne Farrugia**
Disinn ta' **Stefan Attard**

L-Epatite A

SAHHTEK għal qalbna

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, www.ehealth.gov.mt

Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Ⓟ 2012

# L-Epatite A

HEP A

L-Epatite A hija infezzjoni virali li tikkawża infjammazzjoni tal-fwied.

## Kif tigi trażmessa l-Epatite A (HAV)?

L-HAV tinstab l-aktar f'postijiet fejn is-sistemi tas-sanità u tad-drenaġġ ma jkunux tajbin. It-trażmissjoni sseħħ minn persuna għal oħra permezz tal-kuntatt tal-ippurgar mal-ħalq. L-HAV tista' tigi trażmessa wkoll sesswalment waqt atti sesswali bħall-anilingus. L-HAV tista' taffettwa lill-persuni ta' kull età.

**Perjodu ta' inkubazzjoni:** (il-perjodu ta' żmien bejn meta ssħħ l-espożizzjoni għall-vajrus u meta s-sinjali u s-sintomi jibdew jidhru għall-ewwel darba): bejn ġimagħtejn u sitt gimgħat

## Sinjali u Sintomi:

- sintomi qosra u ħfief li jixbhu lil dawk tal-influwenza
- dardir, rimettar u dijarea
- nuqqas ta' aptit
- telf fil-piż
- suffejra (meta l-abjad tal-għajnejn isir isfar, il-ġilda ssir safra, l-awrina ssir skura u l-ippurgar
- ikun ta' kulur car)
- ħakk fil-ġilda
- uġigħ fiż-żaqq

L-infezzjoni normalment tgħaddi fi żmien xahrejn. Ladarba l-ġisem jegħleb l-infezzjoni, jsir reżistenti għal din l-infezzjoni b'mod permanenti. Kumplikazzjonijiet fil-fwied iseħħu biss f'każijiet rari.

## L-Epatite A tista' tittieħed minn:

- Gajdriet (oysters) nejjin u frott tal-baħar ieħor migbur minn żoni kontaminati
- Ħxejjex li jkunu ġew imsoqqija b'ilma kontaminat
- Irgiel li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rgiel oħra (MSM)
- Kuntatti mill-qrib (l-aktar id-dar) ma' persuna li tkun infettata bl-Epatite A












## Prevenzjoni mill-Epatite A

### Tilqim kontra l-Epatite A

- It-tilqim kontra l-HAV jagħti protezzjoni kontra l-marda. Injezzjoni waħda tipprovdi protezzjoni għal madwar 12-il xahar. Doża ta' rinforz wara 6 xhur jew 12-il xahar tagħti protezzjoni li tista' sservi sa 25 sena.
- It-tilqima hija rakkomandata qabel ma wieħed jivvjaġġa lejn pajjiżi b'livelli ta' igjene baxxi, bħal per eżempju s-sottokontinent Indjan, l-Afrika, l-Amerika Centrali, l-Amerika t'Isfel, il-Lvant Imbiegħed u l-Ewropa tal-Lvant.
- It-tilqima għandha tiġi rakkomandata lill-gruppi li jinsabu f'riskju għoli, bħall-irgiel li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, kif ukoll persuni li jabbużaw mid-droga li tittieħed minn ġol-vina u li jissellfu s-siringi bejniethom.

## Miżuri iġjeniċi

- Prattiċi tal-ikel xierqa, inkluż ħasil bir-reqqa tal-idejn
- Il-ġajdriet u l-frott tal-baħar għandhom jigu msajra kif ġej: sajjar b'temperatura ta' 85-90$^{0}$C għal 4 minuti, jew sajjar bil-fwar għal 90 sekonda qabel jittieklu
- Min jivvjaġġa f'żoni endemiċi wieħed għandu jixrob biss xarbiet sħan jew li jkunu fil-fliexken, u jiekol ikel sħun jew li jkun ġie msajjar sew.

## Kif jigi dijanjostikat l-HAV?

Il-dijanjosi ssir permezz ta' test tad-demm, billi jsir test tal-antikorpi. Testijiet tad-demm għall-funzjonament tal-fwied jimmoniterjaw il-funzjoni tiegħu, u jibqgħu jsiru sakemm dak li jkun jirkupra.